**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 174/2018 AGV**

**AB ( ID nru: 58076 A)**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fit- 23 ta Settembru 2011, ara dok A. u kellhom tifla komuni l-isem ta' E, li twieldet nhar it- 21 ta' Jannar 2009, Ara dok B.
2. Illi qabel izzewwgu l-kontendenti kienu fis-16 ta' Settembru 2011 dahlu f' kuntratt ta' kitba taz-zwieg in atti tan-nutar Dr. Victor John Bisazza u in

forza ta dan l-att . L-intimat kien obbliga ruhu li jipprovdi manteniment ghall-uliedu u akkomdazzjoni ghall-esponenti tul hajjtha (Dok C);

3. Illi l-hajja konugjali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba eccessi, servizzi, ingurji gravi u swat. Mohrqija u abbandun , u minhabba li l-hajja matrimonjali, fakkret irrimedjabilment;
4. Illi l-minuri E tabita ma' ommha l-esponenti b'access liberu ghall-intimat. L-esponenti u bintha jirrisjedu go appartament Casa Mayfair, Flat 1, Triq San Duminku Sliema, li l-intimat jikrilhom u ghal liema huwa suppost li jhallas il-kera mensili ta' disa' mitt Ewro , arrangament li sar wara li l-esponenti rrillazjat a favur tal-intimat tal-appartemtn propjeta' tieghu fejn kienet tirrisjedi qabel u cjoe' l-appartament numru 9, Imperial Apartments, Depiro Street Sliema. Sabiex l-intimat ikun jista' jiddispondi minnu ghan-negozju tieghu.
5. Illi l-intimat kien impenja ruhu li jikkontribwixxi manteniment ta' sebghin Ewro f' gimgha izda minn zmien ghal zmien lil dawn huwa waqa' lura f' dal-hlas, waqa' lura fil-hlas tal-mizata tal-iskola ta' E, u waqaf ihallas il-kera tal-appartament fejn jirrisjedu l-esponenti u bitha b' konsegwenza li kellha thallas il-kera l-esponenti biex ma tigix zgumbrta minn dal-appartament .
6. Illi l-espoenenti qed tipprocedi ghas-seperazzzjnoi personali minn ma' zewgha l-intimat wara li b' digriet taghha dina l-Onorabbli Qorti awtorizzataha tipprocedi bil-kawza opportun. (Dok D hawn unit).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlon bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi , u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opprtuna;

a. Tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut CD ;

b. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E tigi fdata eskklussivament f' idejha b' dana li l-konvenut ikollu access ghall-imsemmija tifla minuri E, skont dawk il-modilatajiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkustanzi kollha tal-kaz.
c. Tiffissa retta alimentari adegwata ghall-istess minuri E mehud in konsiderazzjoni l-htigijiet taghha fir-rigward tas-sahha u edukazzjoni taghha fosthom il-mizata tal-iskola St Michaels' ta' Pembroke, liema retta alimentarja ghandha tigi perjodikament riveduta skont il-mezzi tal-konvenut u revizibbli skont l-gholi tal-hajja u dana sakemm l-istess tifla E ssir maggorenni u fl-eventwalita' li t-tifla tkomplu bl-istudji taghha sakemm taghlaq l-eta' ta' 23 sena.
d. Tiddikjara li l-esponenti ghandha l-jedd li ggieghel lill-intimat zewgha, li f' kull jkaz, jaghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel fiz-zwieg;
e. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici tul hajjitha l-kera tal-appartment Casa Mayfair Apartment 12, Triq San Duminku Sliema jew ta' dak l-appartement l-iehor fejn l-esponenti tkun qed tirrisjedi skont l-istatus socjali taghha.
f. Tordna lill-konvnut ihallas lill-attrici arretrati li hemm dovuta ta' manteniment ghat-tifla minuri E, kif ukoll il-mizata tal-iskola St. Michael's ta' Pembroke, u l-kera tal-appartament fejn tirrisjedi l-esponenti ma' bintha;
g. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parte, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u / jew 50 sa 50 A tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura ta' medjazzjoni kontra l-istess konvenut, minn issa ingunt, biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, naqas milli jippresenta risposta entro t-terminu skond il-ligi, u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru 1363/16.

Rat l-affidavit tal-attrici.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-attrici qed titlob is-separazzjoni minn zewgha l-konvenut CD.. Il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-istess attrici, peress illi l-konvenut naqas milli jidher u jikkontesta l-kawza, ghalhekk il-Qorti tista' tqis dawk il-provi bhala fatti ppruvati. In sintesi, l-attrici spjegat kif kellha relazzjoni mal-konvenut sa mill-2007, u f'Jannar tal-2009 twieldet it-tifla taghhom E. L-attrici tghid li sena wara, hi telqet lill-konvenut ghax ma felhitx aktar li hu kien johrog u jibqa' barra l-lejl kollu u jorqod il-jum ta' wara. Huma kienu rrikonciljaw u ddecidew li jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu fit-23 ta' Settembru 2011. Ftit jiem qabel, fis-16 ta' settembru, huma kienu ffirmaw kuntratt fejn il-komunjoni tal-akkwisti kienet eskluza, u l-konvenut kien intrabat li jhallas manteniment ghaliha u ghall-minuri, kif ukoll li jhallas ghall-akkomodazzjoni taghha.

Wara z-zwieg, ghalkemm il-konvenut kien qal li ser jinbidel u ser ikun ragel tal-familja, hu baqa' johrog u jibqa' barra tard bil-lejl, u qalet ukoll li kien jerfa' idejh fuqha, u ghalhekk din id-darba telqet bit-tifla u bdiet il-procedura ghas-separazzjoni. L-attrici qalet li l-konvenut ma kienx ihallas puntwalment il-kera

tal-appartament fejn kienu joqoghdu, u ghalhekk bdiet thallas din il-kera direttament hi, wara li sid il-kera kien ser ikeccihom mill-appartament Kien irregolari hafna fil-hlas tal-manteniment, u anke fil-hin li jigbor lit-tifla mill-iskola ghall-access tieghu. Fuq rikors imressaq mill-attrici fl-10 ta' Lulju 2018, imwiegeb mill-konvenut, il-Qorti tatu access ampju, u tat lill-attrici manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' mitejn u hamsa w ghoxrin Ewro (€225) fix-xahar, oltre l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni.

In vista li l-konvenut baqa' kontumaci u l-anqas biss attenda darba fil-kawza, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici, peress illi huwa evidenti li l-konvenut ma tantx ghandu interess f' bintu u fil-hajja taghha. Kif qalet tajjeb l-attrici fl-ahhar tal-affidavit taghha, hija hasra li l-konvenut kien daqshekk inkonsistenti fil-hajja ta' bintu, aktar u aktar meta l-partijiet kellhom kuntratt ta' separazzjoni lest u awtorizzat minn din il-Qorti, liema kuntratt baqa' ma giex iffirmat minnu. Il-Qorti hi tal-fehma li sew l-attrici kif ukoll il-minuri jixirqilhom hajja aktar trankwilla u stabbli, u ghalhekk ser jittiehdu l-mizuri necessarji f' din is-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut CD;

2. Tilqa' t-tieni talba, u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E tigi fdata eskklussivament f' idejha b' dana li l-konvenut ikollu access ghall-imsemmija tifla minuri E, kif muri hawn taht;

   Kull nhar ta' Tlieta w nhar ta' Hamis, bejn l-4.30pm u s-7.00pm, u kull tmiem-il gimgha darba mis-Sibt fis-6.00pm sa l-ghada l-Hadd

fl-4.00pm, u d-darba ta' wara nhar il-Hadd bejn l-4.00pm u s-7.00pm.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiffissa retta alimentari adegwata ghall-istess minuri E fl-ammont ta' €350 fix-xahar (tlitt mija w hamsin Ewro), liema retta alimentari tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni, u li ghandha toghla b'hamsin Ewro (€50) kull tlitt snin, u dana sakemm l-istess tifla E ssir maggorenni jew fl-eventwalita' li t-tifla tkomplu bl-istudji taghha sakemm taghlaq l-eta' ta' 23 sena.
   Tordna wkoll lill-konvenut ihallas il-mizata tal-iskola St Michael's ghall-edukazzjoni tal-istess minuri E.

4. Tilqa' r-raba' talba, u tiffissa retta alimentari ghall-attrici fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar.

5. Tilqa l-hames talba u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici tul hajjitha l-kera tal-appartment Casa Mayfair Apartment 12, Triq San Duminku Sliema jew ta' dak l-appartement l-iehor fejn l-esponenti tkun qed tirrisjedi skont l-istatus socjali taghha.

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici arretrati li hemm dovuti ghall-manteniment ghat-tifla minuri E, kif ukoll il-mizata tal-iskola St. Michael's ta' Pembroke, u l-kera tal-appartament fejn tirrisjedi l-esponenti ma' bintha.

7. Tilqa' is-seba' talba u tapplika kontra l-konvenut, interament, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**